MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2009

Numru. 634/2009

Il-Pulizija
(Sp Chris Pullicino)
vs
Keith Micallef, iben Alfred, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Novembru, 1978

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-1 ta’ Lulju, 2009 għal ħabta tad-9.00 p.m. ġewwa Ħaż-Żebbuġ, bl-imġieba tiegħu kkaġuna biża’ lil Carmelo Farrugia li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta’ tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendednti, aħwa subien jew bniet, jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, ikkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Carmelo Farrugia,

hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. Bjorn Buhagiar taċ-Ċentru tas-Saħħa, Floriana;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, fil-ħin li huwa kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta’ serq jew ħsara lill-propjeta’, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, spara arma tan-nar ta’ għamla Benelli, bin-numru tas-serje M236797, f’post abitat u pubbliku u għaldaqstant mhux il-barra minn mitejn metro mill-abitat;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ spara tiri ta’ arma tan-nar ta’ għamla Benelli, bin-numru tas-serje M236797, fuq il-ħajt tar-residenza ta’ Carmelo Farrugia, liema ħsara ma tisskorriex il-mija u sittax il-ewro u sebgħa u erbgħin ċentesimu (€116.47) u saret għad-dannu ta’ Carmelo Farrugia minn Ħaż-Żebbuġ u/jew persuni oħra.
Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta’ tal-persuna offiża, cioe’ Carmelo Farrugia u il-familja tiegħu, jew għaz-zamma ta’ l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna/i msemmija minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża’ ta’ vjolenza, tpħroġ ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkużat skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Lulju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221(1), 251B(1) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, l-A.L. 79 ta’ l-2006 u l-artikoli 55 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta. Tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena

ta’ priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Supervizjoni għal perjodu ta’ sentejn mil-lum. Tordna l-konfiska ta’ l-arma tal-għamla Benelli, bin-numru tas-serje M236797. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ elf u seba’ euro u sebgħa u disgħin ċentesimu (€1,007.97) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti f’dawn il-proċeduri. Fl-aħħar, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma tkellimx jew jimmolesta lill-familji Farrugia u Scicluna u martu Bernardette Micallef għal żmien sena taħt penali ta’ €230.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------